MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru 591/2014

**SPETTUR HURBERT CINI**

**VS**

**SAVIOUR VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Saviour Vella ta’ 58- il sena bin George u Saveria nee’ Spiteri, mwieled Tarxien fis- 17 ta’ Awwissu 1955, residenti 36, Misrah tas- Suq, Hal- Tarxien u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 566955M;

Talli;

1) fid- 19 ta’ Marzu 2014 gewwa Misrah is- Suq, Hal- Tarxien, ghal habta tas- 14.30hrs, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta’ Adrian Pace, ta’ natura hafifa jew igibilha disordni f’ mohhha;

2) fid- 19 ta’ Marzu 2014 gewwa Misrah is- Suq, Hal- Tarxien, ghal habta tas- 14.30hrs u fil- hinijiet ta’ qabel, ta fastidju lil Adrian Pace;

3) fid- 19 ta’ Marzu 2014 gewwa Misrah is- Suq, Hal- Tarxien, ghal habta tas- 14.30hrs u fil- hinijiet ta’ qabel, ikkaguna lil Adrian Pace biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta’ tieghu jew kontra l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti jew dixxendenti;

4) fid- 19 ta’ Marzu 2014 gewwa Misrah is- Suq, Hal- Tarxien, ghal habta tas- 14.30hrs b’ mezzi xort’ ohra minn dawk imsemmijin fl- Artikoli ta’ qabel ta’ dan is- sub titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta’ Adrian Pace, mobbli jew immobbli billi kissirlu nuccali u cavetta tal- karozza ghad- dannu ta’ €134.50 u €85 rispettivament;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li kienet ser iggib maghha dik l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221, 251A, 251B, 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------